MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2014

Rikors Ta Revoka Numru. 139/2014

Mary Rose **CARBONARO**

vs

Jesmond **CARBONARO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mis-sekwestrat eżekutat Jesmond Carbonaro (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutat") fil-11 ta' Lulju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi, maħruġ kontrih fuq talba tal-intimata eżekutanti (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutanti"), jew jekk jidhrilha xieraq tvarjah kif meħtieġ sabiex ikun limitat biss għall-polza ta' assikurazzjoni ma' MSV Life Numru 36125, jew bi kwalunkwe mod ieħor li jidhrilha ġust u xieraq;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Lulju, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutanti u tatha żmien biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha għat-talbiet tar-rikorrent eżekutat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti fit-22 ta' Lulju, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħet għat-talbiet tal-eżekutat billi qalet li ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Mandat jitħassar jew li l-Qorti taċċetta xi waħda mill-alternativi suġġeriti mill-eżekutat;

Rat l-atti tar-rikors u tal-Mandat li għalihom jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'din il-proċedura, l-eżekutat irid li l-Qorti tħassar Mandat ta'

Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontrih mill-eżekutanti, jew billi tħassru biss f'parti u tħallih fis-seħħ dwar polza ta' assikurazzjoni. Fit-talbiet tiegħu, l-eżekutat ma jsemmi l-ebda kawżali speċifika minn dawk li tagħraf il-liġi biex bihom jew b'xi waħda minnhom il-Qorti tista' tħassar il-Mandat kawtelatorju li dwaru tkun saret it-talba;

Illi l-Qorti tqis li mill-kliem tal-liġi, jidher li huwa meħtieġ li meta persuna tressaq rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju maħruġ kontra tagħha, din għandha tgħid għal liema raġuni tkun qiegħda titlob li dan isir. Dawk ir-raġunijiet jistgħu jkunu aktar minn waħda, imma dejjem iridu jkunu jaqgħu fil-kategorija tas-sitt ċirkostanzi tassattivi li jissemmew fl-artikolu 836(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Nuqqas bħal dan tqies mill-Qrati tagħna li jkun "fatali għat-talbiet tal-istess rikorrent"[1];

Illi l-Qorti tifhem u temmen bis-sħiħ li jkun biżżejjed għas-siwi tar-rikors li l-kliem użat mir-rikorrent ikun sostanzjalment jaqbel mal-kliem misjub fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1), ukoll jekk ir-rikors ma jiċċitax espressament l-istess dispożizzjonijiet, u dan b'ħarsien ukoll tar-regola li wieħed għandu jħares u jimmira aktar li jagħmel ħaqq milli jintilef f'formaliżmu żejjed. Iżda lil hinn minn hekk, m'għandu qatt jinftiehem li l-ilment ta' rikorrent kontra l-ħruġ kontrih ta' Mandat kawtelatorju jista' jiġi implikat b'xi analoġija jew taħlita ġenerika li ma tissarrafx f'ċirkostanza waħda jew aktar minn dawk imsemmija fl-artikolu rilevanti;

Illi meta wieħed jifli sewwa r-rikors li għandha quddiemha l-Qorti f'dan il-każ, wieħed isib li l-eqreb li wieħed jista' jasal għall-imsemmija kawżali huma dawk maħsubin fil-paragrafi (ċ) u (e) tal-imsemmi artikolu 836(1) tal-Kodiċi;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrent eżekutat fl-24 ta' Ġunju ta' din is-sena. Il-Mandat inħareġ dwar

[1] Ara, per eżempju, P.A. RCP **10.5.2001** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et***

pretensjoni ta' kreditu ta' għaxart elef euro (€ 10,000) "rappreżentanti l-valur ta' karozzi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet". Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifikat lil sitt (6) sekwestratarji, ħamsa minnhom banek kummerċjali. Bħalissa l-partijiet għaddejjin minn żmien imqalleb fiż-żwieġ tagħhom u l-eżekutata nediet proċeduri b'Ittra tal-Medjazzjoni[2] li fiha talbet lil din il-Qorti li tiffissa *pendente lite* r-retta ta' manteniment għaliha u għal bintha ta' taħt l-eta', u biex trażżan il-"vjolenza psikoloġika" li l-eżekutat qiegħed iwettaq fil-konfront tagħha u tal-istess bint minuri;

Illi dwar <u>l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ,</u> l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-kawżali tat-talbiet tal-eżekutat. Kif ingħad qabel, għalkemm fir-rikors tiegħu l-eżekutat ma jsemmi l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, jidher li l-Qorti tista' tqis it-talbiet tiegħu fuq il-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(ċ) u (e);

Illi l-ilmenti tal-eżekutat għall-Mandat kif maħruġ minn martu l-eżekutanti jikkonsistu filli jiċħad li tabilħaqq hemm aktar minn vettura waħda li tagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti u li dwarha wieħed jista' jressaq pretensjonijiet għal ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, li d-dar taż-żwieġ tiswa biżżejjed biex ma hemmx ħtieġa iżjed għall-ħruġ tal-Mandat, u li, f'kull każ, hemm polza ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja li tista' tingħata b'garanzija xierqa għal kull pretensjoni li l-eżekutanti jista' jkollha;

Illi dwar dawn l-ilmenti, l-Qorti tagħraf li l-kawżali mogħtija mill-eżekutanti fil-Mandat minnha mitlub u miksub setgħet kienet ifformulata aħjar. Jekk inhu minnu li l-Mandat intalab kontestwalment mal-preżentata minnha tal-Ittra għall-Medjazzjoni, kien ikun aktar xieraq li l-kawżali kienet tirreferi għall-pretensjonijiet tal-eżekutanti f'dik l-ittra. Ma ġarax hekk u, minflok, issemmew "karozzi li jagħmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti". Dan qiegħed jingħad għaliex, fil-waqt li nħareġ l-istess Mandat, huwa minnu li bejn l-eżekutat u l-eżekutanti kien hemm vettura waħda biss: dan huwa mfisser u spjegat mill-fatt li, matul l-2013, l-eżekutanti kellha

[2] Dok "B", f'paġġ. 8 – 9 tal-atti

inċident b'karozza minnhom u l-ħsara tant kienet kbira li l-vettura kienet "*written off beyond economic repair*". Ġara, iżda, li minħabba li dik il-vettura kienet assikurata, l-assikurazzjoni tat lill-eżekutat il-kumpens tagħha f'Mejju tal-2013[3], iżda l-eżekutanti tgħid li żewġha l-eżekutat tefgħu f'kont bankarju u żammu kollu għalih. Għalhekk, il-Qorti qiegħda tifhem li l-pretensjonijiet tal-eżekutanti fil-ħruġ tal-Mandat hija kemm dwar il-vettura li għadha f'idejn l-eżekutat u kif ukoll dwar il-kumpens li kien ingħata dwar il-vettura li biha hija kellha l-imsemmi inċident;

Illi, meħudin fl-ordni li fih jissemmew fil-liġi, il-kawżali mressqa mill-eżekutat huma:

A) L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(1)(ċ)]. L-eżekutat jgħid li din il-garanzija toħroġ mill-fatt li d-dar taż-żwieġ għandha valur li jisboq is-somma pretiża mill-eżekutanti fil-Mandat maħruġ fuq talba tagħha. Minbarra dan, jgħid li huwa l-benefiċjarju ta' polza ta' assikurazzjoni li l-valur tagħha wkoll huwa biżżejjed biex ikopri l-imsemmija pretensjoni tal-eżekutanti;

Illi min-naħa tagħha, l-eżekutanti tgħid li d-dar taż-żwieġ hija tagħha wkoll u għadha ma tqegħditx għall-bejgħ, filwaqt li l-polza wkoll hija benefiċjarja tagħha hija stess;

Illi huwa aċċettat li biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[4]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur

[3] Ara "Dok MC1", f'paġ. 10 tal-atti
[4] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra mgħandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[5]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[6]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant[7];

Illi din il-Qorti tqis li, wara li qieset sewwa l-atti mressqa quddiemha, ma ntweriex tajjeb biżżejjed mill-eżekutat li tabilħaqq hemm garanzija oħra xierqa dwar il-pretensjonijiet tal-eżekutanti fil-Mandat. L-eżekutat naqas għal kollox milli juri li d-dar taż-żwieġ (li minnha għandha sehem ukoll l-istess eżekutanti) hija ġid disponibbli u realiżżabbli biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tal-istess eżekutanti u li ma hemmx fuqha djun jew piżijiet li jagħtu preferenza għal terzi. L-istess jingħad dwar il-polza ta' assikurazzjoni li lanqas ingħata l-iċken tagħrif dwarha jew dwar is-"*surrender value*" tagħha bħalissa;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

B) <u>L-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed</u> [Art. 836(1)(e)]. Din il-kawżali bilfors trid titqies mal-oħra għaliex jidher li tirreferi għall-istess ġid alternativ li r-rikorrent eżekutat qiegħed jindika bħala garanzija oħra għall-pretensjonijiet ta' martu l-eżekutanti;

---

[5] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[6] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[7] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd.***

Illi l-konsiderazzjonijiet li saru taħt il-kawżali ta' qabel iwasslu biex lanqas taħt din il-kawżali ma ntwera tajjeb biżżejjed li l-Mandat jista' jitħassar għar-raġunijiet imsemmija mill-eżekutat;

Illi huwa minnu li l-eżekutat joffri, bħala mod kif "ma jtawwalx dina l-vertenza inutilment", li l-ammont ikun kawtelat permezz ta' garanzija fuq il-polza. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, din l-offerta tkompli tixhed li l-polza nnifisha mhijiex il-garanzija li l-eżekutat qiegħed joffri, iżda kulma qiegħed jagħmel hu li joħloq garanzija fuq il-polza. Naturalment, ma hemm xejn x'iżomm lill-partijiet milli **bi ftehim** milħuq bejniethom jaslu f'arranġament dwar din is-sura ta' garanzija. Imma l-Qorti ma tistax timponih fi proċedura bħal din (kif l-eżekutat donnu jidher li jrid bl-imsemmija talba tiegħu) li hija maħsuba biss biex tqis jekk għandhiex jew le tħassar, f'kollox jew f'parti, l-effetti ta' Mandat kawtelatorju;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ma ngħatatx raġuni tajba biżżejjed mill-eżekutat biex tħassar il-Mandat lanqas taħt din il-kawżali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent eżekutat Jesmond Carbonaro għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi (numru 160/14) maħruġ kontrih fl-24 ta' Ġunju, 2014, billi ma nġabux raġunijiet tajbin skond il-liġi biex il-Qorti tista' tilqa' l-istess talba;

**Tordna** li r-rikorrent eżekutat iħallas l-**ispejjeż** ta' din il-proċedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------